# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru 2001**

**Numru 3**

**Avviz. numru 174/96mm**

**Carmel Bartolo u Maria Alfonsina Bartolo martu**

**vs**

**Christopher Gatt**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-28 ta' Frar 1996 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi l-ammont ta' mitejn lira Maltin (Lm200.00) bhala bilanc dovut lil Carmel Bartolo, l-attur, tax-xogholijiet, tqeghid ta' madum fil-fond 'Silverstone', Triq il-Gustakor, Ghaxaq.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-gurnata tal-pagament effettiv.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghol li suppost ghamel l-attur fil-fond tal-konvenut ma sarx skond l-arti u s-sengha u fil-fatt kellu jigi rimpjazzat;

2. Illi in oltre l-konvenut ntavola kawza sabiex jigi stabbilit l-ammont ta' danni sofferti minnu a kawza tax-xoghol mhux skond l-arti u s-sengha maghmul mill-attur quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili -liema kawza ghad triq tigi appuntata;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha ta' l-10 ta' Gunju 1996 fejn innominat lil AIC Albert Fenech bhala tekniku sabiex jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attur wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat ir-rapport tal-AIC Albert Fenech ipprezentat fil-15 ta' Frar 2001 u mahluf fil-25 ta' Ottubru,2001.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi Carmel Bartolo gie nkarigat mill-konvenut Christopher Gatt sabiex iqieghed madum tac-ceramika f'

”Silverstone”, 70 Triq il-Gustakor, Ghaxaq. Dan ix-xoghol kien jikkonsisti fit-tqeghid ta’ madum ta’ l-art mal-fond kollu u twahhil ta’ madum mal-hitan tal-kamra tal-banju. Il-madum gie mixtri u pprovdut minn Christopher Gatt.

L-ewwel tqieghed il-madum ta’ l-art kwazi mal-fond kollu u mbaghad beda jitwahhal dak ta’ ma’ wiehed mill-hitan tal-kamra tal-banju. Hawnhekk bdew jidhru l-ewwel indikazzjoni ta’ disgwid bejn il-partijiet, peress illi minnhabba nuqqas ta’ ndikazzjoni cara jew bi traskuragni jew zball, il-madum fuq l-ewwel hajt tal-kamra tal-banju ma twahhalx bid-disinn kif kellu jkun.

Christopher Gatt hekk kif induna, qabad u qala l-madum li lahaq wahhal l-attur qabel kien jilhaq jaqghad it-tajn, u naddfu. L-attur gie muri kif kellu jigi d-disinn u reggha wahhal bid-disinn lilu indikat u kompla miexi bix-xoghol. Hawn ukoll Christopher Gatt ilmenta dwar ix-xoghol li kien qed jaghmel l-attur u qallu li ma kienx qed joghgbu, u ma halliehx ikompli, u ghalhekk Carmel Bartolo dam xi hmistax ma jmur hemm. Sussegwentement Christopher Gatt qala l-madum tal-hitan tal-kamra tal-banju u wara gimghatejn jew tlett gimghat Carmel Bartolo mar gabar l-ghodda tieghu li kien halla fuq il-post. Wara dan il-konvenut kien qabbad lil David Coleiro jaqla l-madum li kien wahhal l-attur mal-hitan tal-kamra tal-banju. Issuplieh bl-istess tip ta’ madum u burdura kuluri differenti milli kien hemm u wahhal l-istess madum u bordura godda. Fuq dan ix-xoghol ma jidhirx illi hemm ilment mill-konvenut.

It-tekniku nnominat mill-Qorti wasal ghal konkluzjoni illi l-attur ma rrealizzax il-grad ta' perfezzjoni mistennija minnu. Hu esegwixxa x-xoghol inkwistjoni kwazi fl-interita tieghu minghajr ebda ilment mill-konvenut, hlief ghal rigward ta' dak id-disinn fuq l-ewwel hajt li mieghu wahhal il-madum, li pero' gie mwahhal minnu skorrettament mill-gdid.

Il-konvenut setgha ghamel supervizzjoni aktar adekwata, u setgha ha pariri, kif eventwalment ghamel waqt li kien qieghed isir ix-xoghol u mhux wara li kwazi l-attur lesta kollox. Madankollu t-tekniku kkonkluda illi l-indikazzjonijiet huma illi x-xoghol ma sarx kollu kif kellu jsir rigward twahhil ta' madum mal-hajt u ghalhekk jikkonsidra l-eccezzjoni tal-konvenut gustifikata.

Il-Perit Tekniku ma kellux l-opportunita' jara x-xoghol illi esegwixxa l-attur peress illi dana tnehha kollu mill-konvenut qabel ma nixef it-tajn ta' warajh, u x-xoghol li eventwalment kien hemm fil-kamra tal-banju kien tlesta minn terzi u mhux mill-attur. Il-Perit Tekniku wasal ukoll ghal konkluzzjoni illi l-konvenut ma kienx inehhi dan il-madum li kieku kien maghmul skond l-arti u s-sengha u ghalhekk wasal ghal konkluzzjoni illi l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jigu milqugha u t-talba ta' l-attur michuda.

Fix-xhieda tieghu illi ta quddiem din il-Qorti l-attur jikkonferma illi setgha kien hemm xi diffikulta fit-twahhil ta' dan il-madum u minkejja illi huwa kien talab illi jigi moghti katalgu jew pattern

minghand il-konvenut sabiex ikun jista jesegwixxi dan ix-xoghol, dan il-pattern qatt ma gie moghti lilu. Madankollu l-attur iddecieda illi jkompli bix-xoghol u jwahhal il-madum kif jaf hu.

Ikkunsidrat:

Illi stante n-natura teknika ta' din il-kawza, l-Qorti trid toqghod fuq il-konkluzzjonijiet tat-tekniku minnha nominat AIC Albert Fenech, peress illi ma rrizultawx provi ohra jew argumenti li bih l-Qorti tista tiskarta l-konkluzzjonijiet raggunti mill-istess tekniku. Ma hemmx dubbju illi hawn element ta' traskuragni minn nahha ta' l-attur meta dana baqa miexi bix-xoghol minkejja li kien jaf li dana setgha ma kienx gej tajjeb. Hu stess stqarr fix-xhieda quddiem din il-Qorti li dina kienet l-ewwel darba li ra dan il-madum u ma kienx jaf kif ser jaqbad iqieghdu. Hawnhekk l-attur messu qabad u stenna sakemm jigi moghti l-pattern jew katalgu minn nahha tal-konvenut, u mhux jaqbad u jwahhal ix-xoghol bl-addocc kif jidhirlu li ghandu jsir. Hawnhekk l-attur ha sogru u ta dan is-sogru huwa responsabbli ghalih hu. Jekk kellu xi dubbju dwar dan il-madum ma messux qieghdu qabel ma kien cert f'dak illi kien qieghed jaghmel. Konsegwenza ta' dan l-agir huwa, illi x-xoghol kellu jsir darbtejn u *di pui* ma jsirx sew, u ghalhekk il-perit tekniku rrakkomanda illi t-talba ta' l-attur tehtieg illi tkun michuda.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Prim Awla fis-6 ta' Marzu 1998 fl-ismijiet *"<u>Mark Spiteri bhala Direttur ta' MAS Communications Ltd vs David Conway bhala Direttur ta'</u>*

*Cathedral Group Limited"* fejn il-Qorti kienet qalet li l-klijent ma kienx obbligat illi jhallas ghal xoghol difettuz.

Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-artikolu 1640 (3) tal-Kodici Civili (ara wkoll *Lino Borg vs Anthony u Alice konjugi Buttigieg Depiro Prim Awla 13 ta' Jannar 1995)*. Peress illi din l-istanza hija ghal hlas tax-xogholijiet maghmula u mhux ghad-danni, mhux il-kaz li l-Qorti tikkonsidra d-danni kif issuggerixxa l-Perit Tekniku fir-relazzjoni tieghu.

Ghalhekk il-Qorti,

Taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-atturi. Bl-ispejjez kontra taghhom.

Anthony Zammit
Dep Reg